

Brussell, 28 ta' Mejju 2025  
(OR. en)

9579/25

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2025/0262 (COD)**

---

---

NDICI 5	COLAC 62
DEVGEN 78	COWEB 81
RELEX 678	ELARG 72
PE 28	MAMA 109
CODEC 714	MOG 48
ACP 37	GLOBAL GATEWAY 21
COAFR 120	FIN 589
COASI 71	ECOFIN 627
COEST 427	

## PROPOSTA

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	28 ta' Mejju 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

---

Nru dok. Cion:	COM(2025) 262 final
----------------	---------------------

---

Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2021/947 fir-rigward ta' effiċjenza akbar tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna
----------	--

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 262 final.

---

Mehmuż: COM(2025) 262 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 28.5.2025  
COM(2025) 262 final

2025/0262 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament (UE) 2021/947 fir-rigward ta' effiċjenza akbar tal-Garanzija  
għall-Azzjoni Esterna**

{SWD(2025) 262 final}

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

#### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Il-Linji Gwida Politiċi għall-Kummissjoni Ewropea 2024-2029 jaffermaw li l-Ewropa jeħtieġ li tkun aktar assertiva fix-xena globali fl-insegwiment tal-interessi strateġiċi tagħha billi tingrana s-setgħa u s-sħubijiet tagħha. It-tkabbir irid jitqies bħala imperattiv ġeopolitiku, jeħtieġ li jiġi segwit approċċ aktar strateġiku għall-viċinat tagħna, inklużi inizzjattivi ewlenin taħt il-Patt il-ġdid għall-Mediterran, u trid tiġi segwita politika ekonomika barranija ġdida f'dinja fejn il-ġeopolitika u l-ġeoeconomija jimxu flimkien.

L-investiment f'pajjiżi sħab joħloq sħubijiet fit-tul u ta' benefiċċju reċiproku. Il-Global Gateway<sup>1</sup> qed twettaq il-wegħda tagħha li tagħti spinta lill-konnessjonijiet intelliġenti, nodfa u siguri fis-setturi diġitali, tal-enerġija u tat-trasport u li ssaħħa is-sistemi tas-saħħa, tal-edukazzjoni u tar-riċerka madwar id-dinja. Minn dan l-aħħar, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tar-rapport ta' Draghi, qed tikkontribwixxi wkoll biex tnaqqas id-dipendenzi esterni eċċessivi tal-Ewropa billi tiżgura l-provvista ta' materja prima, enerġija nadifa, fjuwils tat-trasport sostenibbli u teknoloġija nadifa. S'issa, ġew mobilizzati aktar minn EUR 200 biljun ta' investimenti tal-Global Gateway fi sforz ġenwin ta' Tim Ewropa.

Il-garanzija baġitarja tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli Plus (EFSD+) hija l-akbar strument tal-kondiviżjoni tar-riskju tal-Unjoni biex jappoġġa investimenti prijoritarji barra mill-Unjoni. Stabbilit fl-2021 mir-Regolament dwar l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI, Neighbourhood, Development and International Cooperation Instrument) – Ewropa Globali<sup>2</sup>, bħala suċċessur tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (EFSD) stabbilit fl-2017<sup>3</sup> u tal-Mandat ta' Self Estern (ELM, External Lending Mandate) tal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI). Huwa ssodisfa domanda importanti ħafna mill-BEI, mill-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ) u minn istituzzjonijiet finanzjarji għall-iżvilupp (DFIs, Development Financial Institutions) oħra. L-evalwazzjoni tal-Istrumenti ta' Finanzjament Estern għall-Oqfsa Finanzjarji Pluriennali 2014-2020 u 2021-2027<sup>4</sup> enfasizzat l-effett katalitiku tal-EFSD+ fil-mobilizzazzjoni ta' finanzjament u għarfien espert addizzjonali u l-allinjament tiegħu mal-istrateġija Global Gateway.

Ġiet impenjata kważi 80 % tal-kapaċità ta' garanzija tal-EFSD+ taħt il-qafas tal-“arkitettura miftuħa” biex tkopri l-operazzjonijiet tas-settur privat. B'mod parallel, is-sett potenzjali ta' proġetti ġġenerati mill-BEI taħt it-twieqi ta' investiment iddedikati tiegħu huwa ogħla mill-

<sup>1</sup> “Il-Global Gateway”, Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Bank Ewropew tal-Investiment, JOIN(2021) 30 final, 1.12.2021

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2021 li jstabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali — Ewropa Globali, li jemenda u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (UE) 2017/1601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (ĠU L 209, 14.6.2021, p. 1). *ELI: [Regolament - 2021/947 - MT - EUR-Lex](#)*

<sup>3</sup> Ir-Regolament (UE) 2017/1601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Settembru 2017, li jstabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (EFSD), il-Garanzija tal-EFSD u l-Fond ta' Garanzija tal-EFSD (ĠU L 249, 27.9.2017, p. 1). *ELI: [Regolament - 2017/1601 - MT - EUR-Lex](#)*

<sup>4</sup> COM(2024) 208 final tal-15.5.2024

volum ta' self disponibbli sa tmiem il-perjodu ta' investiment, jiġifieri, Diċembru 2028. B'mod ġenerali, id-domanda għall-garanzija tal-EFSD+ taqbeż l-ammonti disponibbli.

Fil-31 ta' Diċembru 2024 li għadda ntemm il-perjodu li matulu s-sħab tal-implimentazzjoni tal-EFSD setgħu jiffirmaw operazzjonijiet ġodda skont il-ftehimiet ta' garanzija rispettivi. Minn dik id-data, il-Kummissjoni għandha tikkalkula kull sena s-surplus jew id-defiċit tal-proviżjonament tal-EFSD miżmum fil-fond ta' proviżjonament komuni<sup>5</sup>. Skont ir-regoli applikabbli attwali stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju tal-UE<sup>6</sup>, is-surpluses jingħataw lura lill-baġit ġenerali. B'analoġija mad-derogi mir-Regolament Finanzjarju previsti għall-Programm InvestEU<sup>7</sup>, li diġà jista' juża s-surplus ta' provvedimenti għall-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS)<sup>8</sup>, u għall-Faċilità għall-Ukrajna<sup>9</sup>, fejn is-surplus tal-provvedimenti għall-Garanzija għall-Ukrajna jikkostitwixxi dħul assenjat intern għall-Faċilità jew il-programm suċċessur tagħha, huwa propost li s-surplus tal-provvedimenti għall-garanzija tal-EFSD jiġi assenjat lill-EFSD+.

Il-BEI vvaluta mill-ġdid ir-riskju residwu li huwa kapaċi jieħu fuq it-tieqa ta' investiment iddedikata esklużiva għal operazzjonijiet mhux kummerċjali sovrani u subsovrani u kkonkluda li dan jista' jiżdied minn 35 % għal 40 %. Dan jippermetti tnaqqis tal-kopertura tal-garanzija tal-UE minn 65 % tal-portafoll, kif previst inizjalment mir-Regolament NDICI-Ewropa Globali, għal 60 %.

B'enfasi fuq l-importanza li l-Ewropa fil-kuntest ġeopolitiku u ġeoekonomiku attwali tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha lejn il-pajjiżi sħab billi żżid l-investimenti, kif ukoll fuq id-domanda għolja għall-garanzija tal-EFSD+, il-proposta attwali għandha l-għan li żżid l-effiċjenza tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna. Sa EUR 471 miljun stmati ta' riżorsi jkunu disponibbli.

B'mod parallel, serje ta' miżuri ta' simplifikazzjoni, li diġà qed jiġu implimentati jew li qed jiġu diskussi, se jippermettu lis-sħab tal-implimentazzjoni jiksbu titjib fl-effiċjenza u jorjentaw mill-ġdid ir-riżorsi lejn l-oriġinazzjoni u l-implimentazzjoni ta' proġetti li jimmassimizzaw il-valur miżjud għall-pajjiżi sħab. Iż-żmien imnaqqas għas-suq se jappoġġa wkoll l-aċċellerazzjoni tal-Global Gateway u l-implimentazzjoni tal-oġġettivi ta' politika b'mod aktar rapidu:

- it-tneħħija mir-rappurtar annwali dwar il-ftehimiet ta' garanzija mis-sħab tal-implimentazzjoni lill-Kummissjoni, tar-rekwiżit li tiġi awditjata l-valutazzjoni tar-riskju u l-informazzjoni dwar il-klassifikazzjoni tas-sieħeb tal-implimentazzjoni dwar operazzjonijiet individwali,

<sup>5</sup> Stabbilit skont l-Artikolu 215 tar-Regolament Finanzjarju.

<sup>6</sup> Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni) (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj>).

<sup>7</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-Programm InvestEU u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/1017, (ĠU L 107, 26.3.2021, p. 3). ELI: [Regolament - 2021/523 - MT - EUR-Lex](http://data.europa.eu/eli/reg/2021/523/oj)

<sup>8</sup> Ir-Regolament (UE) 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 — il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1). ELI: [Regolament - 2015/1017 - MT - EUR-Lex](http://data.europa.eu/eli/reg/2015/1017/oj)

<sup>9</sup> Ir-Regolament (UE) 2024/792 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Ukrajna (ĠU L, 2024/792, 29.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/792/oj>).

- it-tnaqqis tal-piż tan-negozjar għall-ftehimiet ta' garanzija tal-EFSD+ bil-konsolidazzjoni ta' proposti mill-istess sieħeb tal-implimentazzjoni skont ftehim ta' garanzija uniku,
- fejn rilevanti, l-iffirmar ta' Ftehim ta' Kontribuzzjoni wieħed li jkopri diversi komponenti ta' assistenza teknika għal kull sieħeb tal-implimentazzjoni,
- il-prijoritizzazzjoni, fejn ikun debitament ġustifikat, taż-żidiet għall-ftehimiet ta' garanzija eżistenti għal proposti ġodda mis-sħab tal-implimentazzjoni, li jirrikjedu biss in-negozjar tat-termini relatati mal-operazzjonijiet il-ġodda,
- it-tnaqqis tal-frekwenza tar-rappurtar finanzjarju għal ftehimiet ta' garanzija minn frekwenza trimestrali għal waħda semiannwali,
- it-twettiq ta' simplifikazzjoni wiesgħa tal-qafas ta' taħlit, b'mod partikolari mal-BEI:
  - is-simplifikazzjoni tal-formola tal-applikazzjoni u l-proċess ta' approvazzjoni,
  - is-simplifikazzjoni tal-arranġamenti kuntrattwali permezz tal-iffirmar ta' kuntratti qafas ta' taħlit,
  - il-konsolidazzjoni tar-rapportar billi jiġi aggregat ir-rapportar individwali attwali permezz ta' operazzjoni ta' taħlit taħt rapport uniku skont kuntratt qafas.

Fl-istess ħin, il-Kummissjoni se tkompli tiżgura allokkazzjoni effiċjenti u effettiva tal-kontribuzzjonijiet ta' taħlit tal-UE, u r-responsabbiltà għall-implimentazzjoni tagħhom.

L-ewwel miżura mil-lista ta' hawn fuq biss teħtieġ l-emendar tar-Regolament NDICI-Ewropa Globali.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat**

Din il-proposta hija konsistenti mal-oġettivi ta' politika eżistenti fl-oqsma ta' politika tal-klima, l-ambjent u l-enerġija, il-qasam diġitali u l-infrastruttura, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-iżvilupp tal-bniedem u t-tkabbir sostenibbli u l-impjiegi fil-pajjiżi sħab. Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli Plus (EFSD+), billi għandu l-għan li jappoġġa l-investimenti u jżid l-aċċess għall-finanzjament, huwa konsistenti mal-Global Gateway u l-implimentazzjoni ta' sħubijiet ta' benefiċċju reċiproku mal-eqreb ġirien tagħna.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-proposta hija allinjata mal-Patt Industrijali Nadif tal-UE, mas-sħubijiet kummerċjali u ta' investiment nodfa u mal-istrateġija dwar il-materja prima kritika. L-emendi proposti se jkomplu jsaħħu l-impatt f'dawn l-oqsma billi jżidu l-kapaċità ta' investiment tal-Global Gateway u jikkontribwixxu għall-konverġenza ekonomika għall-pajjiżi tat-tkabbir. Hija konsistenti wkoll mal-opportunità li jinħatfu l-investimenti strateġiċi fil-qafas tas-sħubijiet strateġiċi u d-dimensjoni reġjonali tal-Patt għall-Mediterran li jmiss.

## 2. **BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi legali**

L-istess bażi legali, l-Artikolu 209 (Kooperazzjoni għall-Iżvilupp) u l-Artikolu 212 (Kooperazzjoni Ekonomika, Finanzjarja u Teknika ma' Pajjiżi Terzi), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea qed tintuża għal din il-proposta biex jiġi emendat ir-Regolament NDICI-Ewropa Globali kif intuża għall-verżjoni fis-seħħ.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

L-UE tinsab f'pożizzjoni unika biex tappoġġa lill-pajjiżi sħab għal għadd ta' raġunijiet. L-istatus tagħha bħala entità sopranazzjonali jgħib miegħu influwenza politika u ingranaġġ konsegwenti. L-UE għandha preżenza dinjija permezz tad-delegazzjonijiet tagħha, li tiżgura network vast ta' informazzjoni dwar żviluppi li jaffettwaw pajjiżi madwar id-dinja kollha. L-UE hija wkoll parti minn ħafna proċessi multilaterali mmirati lejn l-indirizzar ta' sfidi dinjija. Dan jippermetti lill-UE tkun kontinwament konxja ta' ħtiġijiet u problemi ġodda u, għalhekk, li tirrialloka r-riżorsi kif meħtieġ. Il-komplementarjetajiet bejn l-azzjoni tal-UE u l-azzjonijiet imwettqa mill-Istati Membri qed jiżdiedu skont l-approċċ ta' Tim Ewropa.

L-UE tista' tipprovdi valur miżjud fuq il-bażi tal-ammont ta' riżorsi direzzjonat permezz tal-istrumenti tagħha, b'mod partikolari l-EFSD+ u tal-prevedibbiltà tar-riżorsi matul il-perjodu li fadal tal-qafas finanzjarju pluriennali.

- **Proporzjonalità**

F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, ir-Regolament propost ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu l-oġettivi tiegħu.

- **Għażla tal-istrument**

L-oġettivi segwiti jirrikjedu l-emendar tar-Regolament NDICI-Ewropa Globali attwali u l-introduzzjoni ta' deroga għar-Regolament Finanzjarju permezz ta' proposta leġiżlattiva.

### **3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

L-evalwazzjoni tal-Istrumenti ta' Finanzjament Estern tal-Unjoni Ewropea<sup>10</sup> kkonfermat li b'mod ġenerali wriet li hija adatta għall-iskop tagħha. F'kuntest ġeopolitiku li qed jevolvi, l-NDICI-Ewropa Globali wera r-rilevanza tiegħu biex isegwi l-prijoritajiet tal-UE kif ukoll biex jipprovdi appoġġ lill-pajjiżi sħab b'mod partikolari fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19, il-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna u l-persjonijiet migratorji, b'mod partikolari fil-Viċinat. Hija wriet wkoll li l-użu tal-EFSD+ kien fit-triq it-tajba biex jikkontribwixxi għall-oġettivi ġenerali tal-NDICI-Ewropa Globali. Hija rrikonoxxiet li l-interess għoli ħafna li wieħed jibbenefika mill-kopertura tal-garanzija tal-UE jindika li l-ammont massimu tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna stabbilit fl-NDICI-Ewropa Globali huwa rilevanti. Il-valur miżjud tal-EFSD+ f'termini tal-mobilizzazzjoni ta' finanzjament u għarfien espert addizzjonali ta' għadd ta' istituzzjonijiet finanzjarji multilaterali u istituzzjonijiet finanzjarji għall-iżvilupp, inkluż banek nazzjonali tal-iżvilupp u istituzzjonijiet reġjonali, huwa ssostanzjat mis-sottoskrizzjoni żejda kbira tal-ewwel sejħa għal proposti taħt l-arkitettura miftuħa tal-EFSD+. Bl-istess mod, it-taħlit taħt l-EFSD+ huwa kruċjali biex jissaħħu s-sostenibbiltà, il-verifika tar-reżistenza klimatika u l-impatt tal-iżvilupp fil-pajjiżi sħab tal-UE. L-evalwazzjoni enfasizzat li s-settur privat għandu jassumi rwol akbar fil-proċess, li jservi bħala mutur b'saħħtu għal tkabbir sostenibbli u inklużiv u li l-kontribut tas-settur privat permezz tal-EFSD+ huwa kruċjali għal użu effiċjenti tal-baġit tal-UE biex jappoġġa t-tkabbir sostenibbli fil-pajjiżi sħab.

---

<sup>10</sup> COM(2024) 208 final tal-15.5.2024

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Twettaq studju estern biex jappoġġa l-evalwazzjoni tal-Istrumenti ta' Finanzjament Estern. It-tim tal-istudju estern wettaq aktar minn 340 intervista semistrutturati ma' aktar minn 350 informatur. L-esperti tal-Istati Membri qablu li, minkejja l-istadju bikri tiegħu, l-EFSD+ jista' jintuża biex jikkatalizza l-kooperazzjoni mal-istituzzjonijiet finanzjarji għall-iżvilupp u jagħti spinta lill-flussi finanzjarji lejn l-investment fil-pajjiżi sħab tal-UE. Huma qablu wkoll li l-EFSD+, bħala għodda xprunata mill-politika, irid jikkontribwixxi għal inizjattivi ġeopolitiċi bħall-Global Gateway jew l-Inizjattivi ta' Tim Ewropa. L-esperti tal-Istati Membri qablu li l-EFSD+ jista' jtejjeb il-kapaċità tal-UE biex tattira u tappoġġa l-investment fil-pajjiżi sħab. Id-DFIs irrikonoxxew li proġetti mfassla apposta li jħallu impatt ikunu jeħtieġu finanzjament u kopertura aktar immirati mill-EFSD+, speċjalment fid-dawl tal-aptit limitat għar-riskju f'pajjiżi fraġli u inqas żviluppati (LDCs, less-developed countries).

Lejn l-aħħar tal-2024 u l-bidu tal-2025, diversi sħab tal-implimentazzjoni tal-EFSD+ għamlu suġġerimenti proattivi għas-simplifikazzjoni tal-implimentazzjoni tat-taħlit u l-garanziji tal-EFSD+, u għal titjib possibbli fl-effiċjenza.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Saret evalwazzjoni tal-Istrumenti ta' Finanzjament Estern f'konformità mal-Artikolu 42(2) tar-Regolament NDICI – Ewropa Globali. Din kienet appoġġata minn studju estern li sar fl-2023<sup>11</sup>. Ara l-messaġġi ewlenin miksuba mill-evalwazzjoni interim rilevanti għal din il-proposta fis-subintestatura “Evalwazzjonijiet *ex-post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġislazzjoni eżistenti” hawn fuq.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Din il-proposta ma toħloqx strument ġdid. Il-proposta hija bbażata fuq il-valutazzjonijiet tal-impatt li saru fil-kuntest tal-proposta oriġinali għar-Regolament NDICI-Ewropa Globali u fuq l-evalwazzjoni tal-Istrumenti ta' Finanzjament Estern tal-Unjoni Ewropea, li kkonfermaw l-interess għoli ħafna fil-garanzija tal-EFSD+.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Il-proposta mhijiex marbuta mal-idoneità regolatorja.

Kif deskritt fit-taqsima “Raġunijiet u objettivi tal-proposta” hawn fuq, il-Kummissjoni diġà ħadet passi biex tissimplifika n-negozjar tal-ftehimiet ta' garanzija tal-EFSD+ u biex tnaqqas bin-nofs l-obbligi finanzjarji u ta' rapportar tar-riskju tas-sħab tal-implimentazzjoni billi tnaqqas il-frekwenza tar-rapportar minn trimestrali għal semiannwali. Barra minn hekk, bdiet diskussjonijiet mas-sħab tal-implimentazzjoni biex tissimplifika l-qafas ta' taħlit (il-formola tal-applikazzjoni, il-proċess tal-approvazzjoni, l-ikkuntrattar u r-rapportar).

Mhu qed jiġi propost l-ebda element addizzjonali tar-rapportar. Il-Kummissjoni stabbiliet soluzzjoni bbażata fuq l-internet għar-rapportar tar-riżultati skont l-NDICI-Ewropa Globali.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta ma għandha ebda impatt sinifikanti fuq il-drittijiet fundamentali.

---

<sup>11</sup> [Evalwazzjoni tal-Istrumenti ta' Finanzjament Estern tal-Unjoni Ewropea \(2014-2020 u 2021-2027\) - Il-Kummissjoni Ewropea](#)

#### 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-emendi proposti għar-Regolament NDICI-Ewropa Globali ma jeħtiġux kontribuzzjonijiet ġodda mill-baġit tal-Unjoni.

Surplus ta' provvedimenti għall-garanzija tal-EFSD għas-snin 2024 u 2025 smat għal EUR 471 miljun jiġi assenjat lill-EFSD+. Dan is-surplus eċċezzjonali huwa ta' darba biss u marbut mal-ewwel kalkolu tas-surplus tal-EFSD u huwa prinċipalment dovut għas-sottoimplimentazzjoni ta' diversi ftehimiet ta' garanzija wara x-xokk tat-tifqigħa tal-Covid u, f'xi każijiet, in-nuqqas ta' domanda għall-prodotti finanzjarji proposti, lezzjoni meħuda u integrata fl-għażla tal-ftehimiet ta' garanzija tal-EFSD+. Is-surpluses tal-EFSD għas-snin 2026-27 huma mistennija li jkunu aktar baxxi, marbuta mar-rimborżi annwali, id-dħul, il-pretenzjonijiet jew it-terminazzjoni tat-tranżazzjonijiet sottostanti.

L-ammont tas-surplus ta' hawn fuq diġà jqi il-ħtieġa li titħallas talba għal garanzija ta' EUR 130 miljun u EUR 1,7 miljun ta' talbiet għal ħlas ta' garanzija fuq l-EFSD diġà mħallsa mill-31 ta' Diċembru 2024.

L-impatt finanzjarju tal-emendi relatati mal-garanzija tal-EFSD jimplika dewmien fid-dħul għall-baġit tal-UE mis-surpluses ta' provvedimenti għall-garanzija tal-EFSD.

Ir-rati ta' proviżjonament stabbiliti mir-Regolament NDICI-Ewropa Globali jibqgħu l-istess.

Mhu jintalab l-ebda baġit addizzjonali għall-kostijiet tal-persunal jew amministrattivi.

Hija inkluża dikjarazzjoni finanzjarja u diġitali leġiżlattiva b'aktar informazzjoni baġitarja.

#### 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Il-garanzija tal-EFSD+ hija implimentat b'ġestjoni indiretta. Il-Kummissjoni bħalissa għandha network ta' 19-il sieħeb tal-implimentazzjoni u hija miftuħa għal proposti minn sħab potenzjali ġodda inkarigati mill-implimentazzjoni.

L-arranġamenti ta' monitoraġġ, evalwazzjoni u rapportar diġà fis-seħħ se jibqgħu fis-seħħ.

Il-prestazzjoni se titkejjel skont l-indikaturi stabbiliti fl-Anness VI tar-Regolament NDICI-Ewropa Globali, kif ukoll fil-ftehimiet ta' garanzija mas-sħab tal-implimentazzjoni biex jipprovdu rapportar armonizzat.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Emendi tar-Regolament NDICI-Ewropa Globali (Artikolu 1)

L-Artikolu 30(4) diġà jipprevedi deroga mill-Artikolu 212(3) tar-Regolament Finanzjarju sabiex jippermetti l-użu ta' rimborżi minn strumenti finanzjarji għall-istess objettivi ta' politika. L-estensjoni ta' din id-deroga għall-garanziji baġitarji, kif inizjalment previst mill-Artikolu 30(4), hija ineffettiva peress li l-Artikolu 214(4) tar-Regolament Finanzjarju jassenja r-rimborżi mill-garanziji baġitarji għall-proviżjonament tagħhom. Barra minn hekk, il-garanzija tal-EFSD mhijiex koperta mir-Regolament NDICI-Ewropa Globali.

B'analoġija mal-iskop tal-Artikolu 30(4) fir-rigward tal-istrumenti finanzjarji, l-emenda proposta għandha l-għan li tippermetti l-użu tas-surplus tal-EFSD għall-proviżjonament tal-EFSD+, li jirrikjedi deroga mill-Artikolu 216(4), il-punt (a), tar-Regolament Finanzjarju li jipprevedi li s-surplus għandu jiġi rritornat lill-baġit. Diġà hemm preċedenti li jagħtu appoġġ lil din il-proposta. L-istess deroga hija diġà fis-seħħ skont l-Artikolu 35(2) tar-Regolament (UE) 2021/523 li jstabbilixxi l-Programm InvestEU u li jemenda r-Regolament (UE)

2015/1017. Bl-istess mod, l-Artikolu 12(5) tar-Regolament (UE) 2024/792 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Ukrajna jipprevedi wkoll deroga mill-Artikolu 216(4), il-punt (a), tar-Regolament Finanzjarju sabiex jippermetti l-użu ta' kwalunkwe surplus ta' provvedimenti għall-Garanzija għall-Ukrajna bħala dħul assenjat intern għall-Faċilità jew għall-programm suċċessur tagħha.

L-emenda tal-Artikolu 31(8) hija ispirata mill-Artikolu 214(6) tar-Regolament Finanzjarju, li jipprevedi garanzija baġitarja li r-redditi fuq l-investimenti tar-riżorsi miżmuma fil-fond ta' proviżjonament komuni, l-ammonti rkuprati minn debituri inadempjenti u d-dħul (tariffi) u kwalunkwe pagament ieħor riċevut mill-Unjoni f'konformità ma' ftehim ta' garanzija, għandhom jintużaw biex il-garanzija baġitarja tiġi restawrata sal-ammont inizjali tagħha fil-limiti tal-perjodu eliġibbli previst fl-att bażiku, madankollu, mhux lil hinn mill-fażi ta' kostituzzjoni tal-proviżjonament, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 216(4) tar-Regolament Finanzjarju. Fil-każ tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna (EAG, External Action Guarantee), li tinkludi l-garanzija tal-EFSD+, il-perjodu eliġibbli biex jiġu ffirmati l-ftehimiet ta' garanzija jibqa' validu sal-31 ta' Diċembru 2027 u l-Artikolu 216(4) tar-Regolament Finanzjarju japplika biss fi tmiem il-fażi ta' kostituzzjoni tal-perjodu ta' proviżjonament u eliġibbli, li jista' jidm sal-2031. Fit-teorija, jekk ikun hemm telf fuq l-EAG, ir-rimborżi tiegħu msemmija hawn fuq jistgħu jintużaw sa tmiem l-2027 biex il-garanzija tiġi restawrata sal-ammont inizjali tagħha. Fil-prattika, huwa mistenni telf baxx ħafna fuq l-EAG qabel l-2027<sup>12</sup>, li jagħmel l-Artikolu 214(6) tar-Regolament Finanzjarju ineffettiv għall-EAG. Għalhekk qed jiġi propost li jintużaw il-provvedimenti tal-EFSD+ li jistgħu jintużaw biex ikopru t-telf, kif previst fl-Artikolu 214(6) tar-Regolament Finanzjarju, biex jitħallsu t-talbiet fuq il-garanzija tal-EFSD, li tirrikjedi deroga mill-Artikolu 214(6) tar-Regolament Finanzjarju. Billi jitħallsu t-talbiet għal ħlas ta' garanzija tal-EFSD kif propost minn din l-emenda, is-surplus tal-EFSD tal-2025 jiżdied bl-istess ammont u jsir disponibbli għall-EFSD+.

L-emenda tal-Artikolu 36(1) hija l-konsegwenza ta' proposta mill-BEI nnifsu biex iżid ir-riskju residwu tiegħu fuq it-tieqa ta' investiment iddedikata esklużiva għal operazzjonijiet mhux kummerċjali sovrani u subsovrani (IW1) minn 35 % għal 40 %, li jnaqqas il-kopertura tal-UE minn 65 % għal 60 %.

L-Artikolu 38(6) jitħassar sabiex jiġi żgurat allinjament sħiħ mar-rekwiżiti tal-awditjar u tar-rapportar finanzjarju diġà previsti mill-Artikoli 212(4) u 222(6) tar-Regolament Finanzjarju. B'dan il-mod, jitneħħa l-obbligu tas-sħab tal-implimentazzjoni li jivverifikaw l-informazzjoni dwar l-operazzjonijiet individwali skont il-ftehimiet ta' garanzija.

#### Dħul fis-seħħ (Artikolu 2)

Qed jiġi propost li r-Regolament emendatorju jidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni biex jippermetti implimentazzjoni malajr.

---

<sup>12</sup> S'issa, intalbu EUR 0,714 miljun fuq l-EFSD+, li minnhom ġew irkuprati EUR 0,084 miljun.

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament (UE) 2021/947 fir-rigward ta' effiċjenza akbar tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikoli 209 u 212 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Il-kuntest ġeopolitiku u ġeoekonomiku globali jirrikjedi li l-Unjoni tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha li tistabbilixxi sħubijiet ta' benefiċċju reċiproku ma' pajjiżi sħab.
- (2) Ir-rapport ta' Draghi jirrakkomanda li jiġi żgurat involviment akbar tas-settur privat u li jitnaqqsu d-dipendenzi esterni eċċessivi billi tiġi żgurata l-provvista ta' materja prima, enerġija nadifa, fjuwils tat-trasport sostenibbli, u teknoloġija nadifa minn madwar id-dinja, u b'hekk jiġi aġġornat u sfruttat il-Global Gateway<sup>13</sup> kif ukoll il-pjanijiet ta' tkabbir għall-pajjiżi tat-tkabbir, li jirrikjedu riżorsi addizzjonali.
- (3) Minbarra approċċ aktar iffukat għat-tkabbir, il-linji gwida politiċi tal-Kummissjoni 2024-2029 jirrikonossu l-importanza ta' approċċ aktar iffukat lejn il-viċinat usa' tagħna, speċjalment il-Lvant Nofsani, l-Afrika ta' Fuq u l-Golf. Ir-rilevanza strateġika jenħtieġ li tiġi appoġġata minn proġetti konkreti u investimenti strateġiċi, kemm fil-livell reġjonali, eż. T-MED, kif ukoll fil-livell bilaterali permezz tal-implimentazzjoni tas-Sħubijiet Strateġiċi. Skont l-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni fuq il-post, jistgħu jkunu meħtieġa wkoll riżorsi addizzjonali biex tinżamm l-istabbiltà u jiġi appoġġat l-irkupru/ir-rikostruzzjoni bikrija fost is-sħab ewlenin fil-Lvant Nofsani.
- (4) Strument ta' finanzjament importanti tal-Unjoni biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Global Gateway u l-investimenti strateġiċi huwa l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli Plus (EFSD+), u b' mod partikolari l-garanzija baġitarja tiegħu, komponent tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna stabbilita bir-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>14</sup>. It-titjib fl-effiċjenza fuq il-Garanzija għall-

<sup>13</sup> "Il-Global Gateway", Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Regġuni u lill-Bank Ewropew tal-Investment, JOIN(2021) 30 final, 1.12.2021

<sup>14</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali — Ewropa Globali, li jemenda u jħassar id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (UE) 2017/1601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill

Azzjoni Esterna jippermetti l-finanzjament tal-prijoritajiet tal-azzjoni esterna tal-UE, inkluż possibbilment l-espansjoni tal-Global Gateway.

- (5) L-EFSD+ issodisfa domanda għolja ħafna mill-Bank Ewropew tal-Investment (BEI), mill-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ) u minn istituzzjonijiet finanzjarji għall-iżvilupp (DFIs) oħra, kif ikkonfermat mill-evalwazzjoni tal-Istrumenti ta' Finanzjament Estern għall-Oqfsa Finanzjarji Pluriennali 2014-2020 u 2021-2027<sup>15</sup>.
- (6) Il-kopertura tal-garanzija tal-EFSD+ tista' tiżdied sal-2027 b'surpluses mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (EFSD) u billi l-garanzija tal-Unjoni tintuża b'mod aktar effiċjenti billi titnaqqas l-obbligazzjoni tal-UE tagħha skont it-tieqa ta' investment iddedikata esklużiva tal-BEI għal operazzjonijiet ma' kontropartijiet sovrani u kontropartijiet subsovrani mhux kummerċjali minn 65 % għal 60 %. Dan tal-aħħar jidħol fis-seħħ biss wara li jiġi emendat il-ftehim ta' garanzija korrispondenti bejn il-Kummissjoni u l-BEI. L-assenjazzjoni tas-surpluses minn strumenti ta' legat għall-benefiċċju tal-EFSD+ hija mingħajr preġudizzju għan-negozjati dwar il-qafas finanzjarju pluriennali ta' wara l-2027.
- (7) L-assenjazzjoni tas-surpluses tal-garanzija tal-EFSD lill-proviżjonament tal-EFSD+ mill-31 ta' Diċembru 2024 tirrikjedi deroga mill-Artikolu 216(4), il-punt (a), tar-Regolament Finanzjarju<sup>16</sup>.
- (8) Il-permess tal-użu tar-riżorsi tal-garanzija tal-EFSD+ biex jitħallsu t-talbiet għal ħlas ta' garanzija fuq il-garanzija tal-EFSD mill-31 ta' Diċembru 2024 jirrikjedi deroga mill-Artikolu 214(6) tar-Regolament Finanzjarju.
- (9) Il-kapaċità tal-BEI, tal-BERŻ u tad-DFIs li jimplimentaw b'mod effiċjenti riżorsi addizzjonali jenħtieġ li tiżdied permezz tas-simplifikazzjoni tal-qafas għall-operazzjonijiet ta' taħlit, il-konsolidazzjoni tal-ftehimiet ta' garanzija u assistenza teknika mal-istess sieħeb tal-implimentazzjoni u t-tnaqqis tar-rapportar finanzjarju minn frekwenza trimestrali għal waħda semiannwali.
- (10) Barra minn hekk, f'termini ta' simplifikazzjoni, l-obbligu tas-sħab tal-implimentazzjoni li jivverifikaw l-informazzjoni dwar operazzjonijiet individwali taħt ftehimiet ta' garanzija li jridu jipprovdur fir-rapportar annwali tagħhom lill-Kummissjoni, li mhuwix meħtieġ mir-Regolament Finanzjarju, għandu jitneħħa.
- (11) Minħabba li l-oġettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jsaħħaħ l-impenn tal-Unjoni mal-pajjiżi sħab tagħha u li jnaqqas id-dipendenzi esterni eċċessivi tagħha, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn dak meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-oġettivi,

---

(KE, Euratom) Nru 480/2009 (ĠU L 209, 14.6.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/947/oj>).

<sup>15</sup> COM(2024) 208 final tal-15.5.2024

<sup>16</sup> Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni) (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj>).

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

***Emendi tar-Regolament (UE) 2021/947 [NDICI-Regolament Ewropa Globali]***

Ir-Regolament (UE) 2021/947 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 30(4) huwa emendat kif ġej:

“B’deroga mill-Artikolu 212(3) tar-Regolament Finanzjarju, ir-ripagamenti u d-dħul iġġenerati minn strument finanzjarju stabbilit skont dan ir-Regolament għandhom jiġu assenjati lil-linja baġitarja tal-orijini wara li jitnaqqsu l-kostijiet u t-tariffi ta’ ġestjoni.

B’deroga mill-Artikolu 216(4), il-punt (a), tar-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe surplus ta’ provvedimenti għall-garanzija tal-EFSD skont ir-Regolament (UE) 2017/1601 irrapportat fl-2025, fl-2026 u fl-2027 fid-dokument ta’ ħidma meħmuż mal-abbozz tal-baġit skont l-Artikolu 41(5), il-punt (h), tar-Regolament Finanzjarju, jista’ jintuża għall-proviżjonament tal-garanzija baġitarja appoġġata mill-EFSD+ stabbilita skont dan ir-Regolament.

Ir-riżorsi msemmija fl-ewwel żewġ subparagrafi ta’ dan il-paragrafu għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat intern fis-sens tal-Artikolu 21(5) tar-Regolament Finanzjarju.”

(2) fl-Artikolu 31(8), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“B’deroga mill-Artikolu 214(6) tar-Regolament Finanzjarju, ir-riżorsi tal-EFSD+ relatati mal-proviżjonament tal-garanzija baġitarja appoġġata mill-EFSD+ stabbilita b’dan ir-Regolament u msemmija fl-Artikolu 214(4), l-ewwel subparagrafu, il-punti (b), (c) u (d) tar-Regolament Finanzjarju, jistgħu jintużaw biex ikopru l-ħlas ta’ talbiet fuq il-garanzija tal-EFSD mill-31 ta’ Diċembru 2024.”

(3) fl-Artikolu 36(1), it-tieni subparagrafu, it-tieni sentenza hija sostitwita b’dan li ġej:

“Skont it-tieqa ta’ investiment iddedikata esklużiva, il-kontribuzzjoni tar-riżorsi proprji għandha tintfiehem bħala s-suppożizzjoni ta’ riskju residwu u l-garanzija tal-UE għandha tkopri 60 % tal-ammont aggregat żborżat u garantit skont l-operazzjonijiet ta’ finanzjament tal-BEI, bl-ammonti rimborżati mnaqqsa, flimkien mal-ammonti relatati kollha.”

(4) L-Artikolu 38(6) jitħassar.

*Artikolu 2*

***Dħul fis-seħħ u applikazzjoni***

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*  
*Il-President*

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*

## **DIKJARAZZJONI FINANZJARJA U DIĠITALI LEĠIŻLATTIVA**

1.	QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA .....	3
1.1.	Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva .....	3
1.2.	Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i) .....	3
1.3.	Objettiv(i).....	3
1.3.1.	Objettiv(i) ġenerali .....	3
1.3.2.	Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi .....	3
1.3.3.	Riżultat(i) u impatt mistennija .....	3
1.3.4.	Indikaturi tal-prestazzjoni .....	3
1.4.	Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma': .....	4
1.5.	Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva.....	4
1.5.1.	Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva .....	4
1.5.2.	Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' din it-taqsim, "valur miżjud tal-involviment tal-UE" huwa l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li huwa addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinholq mill-Istati Membri waħedhom.....	4
1.5.3.	Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi.....	4
1.5.4.	Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra.....	5
1.5.5.	Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni .....	5
1.6.	Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha.....	6
1.7.	Metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i).....	6
2.	MIŻURI TA' ĠESTJONI .....	8
2.1.	Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar.....	8
2.2.	Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll .....	8
2.2.1.	Ġustifikazzjoni tal-metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta .....	8
2.2.2.	Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom .....	8
2.2.3.	Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon bejn il-kostijiet tal-kontroll u l-valur tal-fondi relatati ġestiti) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq).....	8
2.3.	Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet.....	9
3.	IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA.....	10

3.1.	Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.....	10
3.2.	Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet .....	12
3.2.1.	Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali .....	12
3.2.1.1.	Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat .....	12
3.2.1.2.	Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat estern.....	17
3.2.2.	Output stmat iffinanzjat minn approprjazzjonijiet operazzjonali.....	22
3.2.3.	Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi .....	24
3.2.3.1.	Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat.....	24
3.2.3.2.	Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat intern .....	24
3.2.3.3.	Total tal-approprjazzjonijiet.....	24
3.2.4.	Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani .....	25
3.2.4.1.	Iffinanzjati mill-baġit ivvutat .....	25
3.2.4.2.	Iffinanzjati minn dħul assenjat estern .....	26
3.2.4.3.	Rekwiżiti totali ta' riżorsi umani .....	26
3.2.5.	Ħarsa ġenerali lejn l-impatt stmat fuq l-investimenti relatati mat-teknoloġija diġitali	28
3.2.6.	Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali .....	28
3.2.7.	Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi.....	28
3.3.	Impatt stmat fuq id-dħul.....	29
4.	DIMENSIJONIJIET DIĠITALI .....	29
4.1.	Rekwiżiti ta' rilevanza diġitali .....	30
4.2.	Data .....	30
4.3.	Soluzzjonijiet diġitali .....	31
4.4.	Valutazzjoni tal-interoperabbiltà.....	31
4.5.	Miżuri li jappoġġaw l-implimentazzjoni diġitali .....	32

# 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

## 1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta li temenda r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-emendar tar-Regolament (UE) 2021/947 [Regolament NDICI-Ewropa Globali] biex tiżdied l-effiċjenza tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna

## 1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

Azzjonijiet esterni

## 1.3. Objettiv(i)

### 1.3.1. *Objettiv(i) ġenerali*

“L-ingranaġġ tal-interessi u s-sħubijiet globali tal-Ewropa”

### 1.3.2. *Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi*

Użu aktar effiċjenti tar-riżorsi ddedikati għall-proviżjonament tal-garanziji baġitarji tal-EFSD u tal-EFSD+ għall-benefiċċju tal-prijoritajiet attwali tal-azzjoni esterna tal-UE, inkluż possibbilment il-Global Gateway.

Żieda fil-garanzija potenzjali disponibbli taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli Plus (EFSD+), il-proposta tressaq kapaċità addizzjonali ta' kondiviżjoni tar-riskju biex jitwettqu investimenti li jagħtu spinta lil rabtiet intelliġenti, nodfa u siguri fis-setturi diġitali<sup>17</sup>, tal-enerġija u tat-trasport u biex jissaħħu s-sistemi tas-saħħa, tal-edukazzjoni u tar-riċerka madwar id-dinja.

Dan jagħmel disponibbli kapaċità addizzjonali ta' kondiviżjoni tar-riskju biex tiġi żgurata l-provvista ta' materja prima, enerġija nadifa, fjuwils tat-trasport sostenibbli, u teknoloġija nadifa minn madwar id-dinja, filwaqt li jiġu żviluppati ktajjen tal-valur sostenibbli fil-pajjiżi sħab.

### 1.3.3. *Riżultat(i) u impatt mistennija*

Titjib fl-effiċjenza fl-użu tal-proviżjonament tal-garanziji baġitarji tal-EFSD u tal-EFSD+ għall-benefiċċju tal-prijoritajiet attwali tal-azzjoni esterna tal-UE. Dan jippermetti rispons parzjali għall-interess għoli ħafna muri mill-Bank Ewropew tal-Investment (BEI), mill-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ) u mill-istituzzjonijiet finanzjarji tal-iżvilupp (DFIs) ikkonfermat mill-evalwazzjoni tal-Istrumenti ta' Finanzjament Estern.

### 1.3.4. *Indikaturi tal-prestazzjoni*

L-Anness VI tar-Regolament NDICI-Ewropa Globali jistabbilixxi l-lista ta' indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni u tal-monitoraġġ.

Fir-rigward tal-impatt f'termini ta' simplifikazzjoni, il-miżuri ta' simplifikazzjoni tal-EFSD+ diġà implimentati jew li qed jiġu nnegożjati mas-sħab tal-implimentazzjoni huma mistennija jiġġeneraw ammont totali ta' madwar EUR [21,50] miljun ta'

<sup>17</sup> F'konformità mas-Sett ta' Għodod għaċ-ċibersigurtà tal-5G, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, C(2023) 4049 tal-15.6.2023.

ffrankar tal-kostijiet għas-sħab tal-implimentazzjoni tul il-perjodu tal-azzjonijiet tal-EFSD+.

#### 1.4. Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma’:

- azzjoni ġdida
- azzjoni ġdida b’segwitu għal proġett pilota / azzjoni preparatorja<sup>18</sup>
- l-estensjoni ta’ azzjoni eżistenti
- fużjoni jew ridirezzjonar ta’ azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida

#### 1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

##### 1.5.1. *Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/ u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tneđija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

L-adozzjoni ta’ din il-proposta leġiżlattiva hija l-prerekwiżit ewlieni għall-implimentazzjoni ta’ din l-inizjattiva li għandha l-għan li tottimizza l-ġestjoni tal-proviżjonament tal-garanziji baġitarji appoġġati mill-EFSD u l-EFSD+.

Il-miżuri ta’ simplifikazzjoni b’mod parallel mal-proposta leġiżlattiva jagħmlu l-implimentazzjoni tal-EFSD+ aktar effiċjenti għall-benefiċċju tal-benefiċjarji finali u tal-intermedjarji finanzjarji, u jżidu l-kapaċità tas-sħab tal-implimentazzjoni li jassorbu volum oġġla ta’ garanzija tal-UE.

L-oġġettivi tal-EFSD+ u l-iskadenza ta’ tmiem l-2027 għall-konklużjoni tal-ftehimiet ta’ Garanzija għall-Azzjoni Esterna jibqgħu l-istess.

##### 1.5.2. *Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jista’ jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet). Għall-fnijiet ta’ din it-taqsima, “valur miżjud tal-involviment tal-UE” huwa l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li huwa addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.*

Raġunijiet għall-azzjoni fil-livell tal-UE (*ex-ante*)

Il-proposta għandha l-għan li tagħmel użu aktar effiċjenti tar-riżorsi ddedikati għall-proviżjonament tal-garanzija baġitarja appoġġata mill-EFSD u l-EFSD+. Peress li l-NDICI – Ewropa Globali huwa programm tal-Unjoni stabbilit fl-2021 mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill skont ir-Regolament NDICI-Ewropa Globali, kwalunkwe bidla fih li tista’ tkun meħtieġa tista’ tiġi affettwata biss mill-Unjoni.

Valur miżjud tal-UE li mistenni jiġi ġġenerat (*ex-post*)

L-EFSD+ jippermetti lis-sħab tal-implimentazzjoni jwettqu operazzjonijiet ta’ finanzjament u ta’ investiment f’oqsma mmirati b’oġġettivi ta’ politika strateġiċi tal-Unjoni. Effett multiplikatur jiġi ġġenerat billi jiġu attirati investimenti privati u pubbliċi, meta xieraq permezz ta’ intermedjazzjoni b’istituzzjonijiet u fondi finanzjarji. Dan jgħin biex jiġu indirizzati l-fallimenti tas-suq u jipprovdli l-aċċess għall-finanzjament lin-negozji u lill-proġetti li nkella ma kinux isibu finanzjament b’termini raġonevoli, u b’hekk jgħin biex jiżdiedu l-investimenti ġenerali fl-Unjoni u fil-pajjiżi sħab, flimkien mat-tkabbir u l-impjiegi. Il-proposta, li tindirizza t-tagħlimiet mill-evalwazzjoni interim tal-Istrumenti ta’ Finanzjament Estern (ara hawn taħt fil-punt 1.5.3), se ssaħħaħ il-programm u b’hekk ittejjeb l-impatt tagħhom.

<sup>18</sup> Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2), il-punt (a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

1.5.3. *Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

Twettaq studju estern fl-2024 biex jappoġġa l-evalwazzjoni tal-Istrumenti ta' Finanzjament Estern. Huwa enfasizza li s-settur privat għandu jassumi rwol akbar fl-implimentazzjoni tal-Global Gateway, li jservi bħala mutur b'saħħtu għal tkabbir sostenibbli u inklużiv, u li l-kontribut tas-settur privat permezz tal-EFSD+ huwa kruċjali għal użu effiċjenti tal-baġit tal-UE biex jappoġġa t-tkabbir sostenibbli fil-pajjiżi sħab. L-esperti tal-Istati Membri qablu li, minkejja l-istadju bikri tiegħu, l-EFSD+ jista' jintuża biex jikkatalizza l-kooperazzjoni mal-istituzzjonijiet finanzjarji għall-iżvilupp u jagħti spinta lill-flussi finanzjarji lejn l-investment fil-pajjiżi sħab tal-UE. Huma qablu wkoll li l-EFSD+, bħala modalità xprunata mill-politika, irid jikkontribwixxi għal inizjattivi ġeopolitiċi bħall-Global Gateway jew l-Inizjattivi ta' Tim Ewropa. L-esperti tal-Istati Membri qablu li l-EFSD+ jista' jtejjeb il-kapaċità tal-UE biex tattira u tappoġġa l-investment fil-pajjiżi sħab. Id-DFIs irrikonnoxxew li proġetti mfassla apposta li jħallu impatt ikunu jeħtieġu finanzjament aktar immirat u li kopertura sħiħa mill-EFSD+ kienet neċessarja, speċjalment fid-dawl tal-aptit limitat għar-riskju f'pajjiżi fraġli u inqas żviluppati (LDCs), li jeħtieġ kapaċità ta' proviżjonament addizzjonali.

1.5.4. *Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

Il-proposta hi kompatibbli għalkollox mal-qafas finanzjarju pluriennali għall-perjodu 2021-2027. Il-proposta ma teħtieġx riżorsi addizzjonali mill-baġit tal-UE. La jeħtieġ jintużaw margniet u lanqas emenda fil-qafas finanzjarju pluriennali (QFP).

1.5.5. *Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni*

Mhux applikabbli

## 1.6. Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha

### **durata limitata**

- fis-seħħ mid-data tal-adozzjoni tal-emenda sal-31/12/2027
- impatt finanzjarju mill-2025 sal-2027 għal approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament. L-impatt finanzjarju jimplika dħul ittardjat u potenzjalment imnaqqas fil-baġit ġenerali tal-Unjoni fir-rigward tas-surplus mill-proviżjonament tal-EFSD.

### **durata mhux limitata**

- Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS,
- segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

## 1.7. Metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i)

### **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

- mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;
- mill-aġenziji eżekuttivi

### **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

### **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit:

- lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom
- lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (għandhom jiġu speċifikati)
- lill-Bank Ewropew tal-Investment u lill-Fond Ewropew tal-Investment
- lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju
- lill-korpi tad-dritt pubbliku
- lill-korpi rregolati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn ikollhom garanziji finanzjarji adegwati
- lill-korpi rregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jkollhom garanziji finanzjarji adegwati
- lill-korpi jew lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-Politika Estra u ta' Sigurtà Komuni skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u identifikati fl-att bażiku rilevanti
- korpi stabbiliti fi Stat Membru, irregolati mid-dritt privat ta' Stat Membru jew mid-dritt tal-Unjoni u eliġibbli biex jiġu fdati, f'konformità mar-regoli speċifiċi għas-settur, bl-implimentazzjoni ta' fondi tal-Unjoni jew ta' garanziji baġitarji, sa fejn tali korpi jkunu kkontrollati minn korpi tad-dritt pubbliku jew minn korpi rregolati mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku, u jkunu pprovduti b'garanziji finanzjarji adegwati fil-forma ta' responsabbiltà *in solidum* mill-korpi kontrollanti jew b'garanziji finanzjarji ekwivalenti, li jistgħu, għal kull azzjoni, ikunu limitati għall-ammont massimu tal-appoġġ tal-Unjoni.

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

Is-sħab tal-implimentazzjoni huma meħtieġa jirrapportaw lill-Kummissjoni f'konformità mar-Regolament NDICI-Ewropa Globali u r-Regolament Finanzjarju fuq bażi regolari. Għall-monitoraġġ, huma meħtieġa japplikaw ir-regoli u l-proċeduri tagħhom stess, li ġew ivvalutati f'konformità mal-Artikolu 157 tar-Regolament Finanzjarju ("valutazzjoni tal-pilastru") biex jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fih.

Għat-tnejn tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali tal-Unjoni, is-sħab tal-implimentazzjoni tal-EFSD+ f'konformità mal-Artikolu 212(4) tar-Regolament Finanzjarju, jipprovdu d-dikjarazzjonijiet finanzjarji awditjati lill-Kummissjoni għall-parti tal-garanzija baġitarja li tingħatalhom.

### 2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

#### 2.2.1. *Ġustifikazzjoni tal-metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta*

L-EFSD+ huwa implimentat esklużivament bil-modalità ta' ġestjoni indiretta permezz ta' sħab ta' implimentazzjoni li, bħala regola, jikkontribwixxu wkoll għall-appoġġ li jrid jingħata lir-riċevituri finali. Is-sħab tal-implimentazzjoni jikkonsistu mill-BEI, il-BERŻ, l-istituzzjonijiet finanzjarji tal-iżvilupp u istituzzjonijiet u intermedjarji finanzjarji oħra li huma korpi tal-Unjoni, regolati u/jew sorveljati bħala parti mis-settur bankarju.

L-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment li jibbenefikaw mill-appoġġ tal-garanzija tal-UE jibqgħu operazzjonijiet approvati mill-korpi ta' governanza tas-sħab ta' implimentazzjoni li jridu japplikaw id-diliġenza dovuta u l-qafas tal-kontroll tagħhom għal dawn l-operazzjonijiet. Is-sħab ta' implimentazzjoni jipprovdu dikjarazzjonijiet finanzjarji awditjati annwali lill-Kummissjoni.

#### 2.2.2. *Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom*

Ir-riskju għall-baġit tal-Unjoni hu marbut mal-garanzija pprovduta mill-Unjoni lis-sħab ta' implimentazzjoni għall-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment tagħhom. Il-Garanzija għall-Azzjoni Esterna hija limitata għal EUR 53 449 000 000.

Ir-rata ta' proviżjonament bejn 9 % u 50 % għall-Garanzija għall-Azzjoni Esterna hija bbażata fuq l-esperjenza tal-passat mal-EFSD u l-Mandat ta' Self Estern (ELM, External Lending Mandate) lill-BEI, u mfassla għall-prodotti finanzjarji implimentati taħt l-EFSD+.

L-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment fil-kuntest tal-EFSD+ isiru skont ir-regoli ta' proċedura standard tas-sħab ta' implimentazzjoni u l-prattika bankarja soda. Is-sħab tal-implimentazzjoni u l-Kummissjoni jidħlu fi ftehim ta' garanzija li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet u l-proċeduri dettaljati relatati mal-implimentazzjoni tal-garanzija tal-EFSD+.

Peress li s-sieħeb tal-implimentazzjoni, bħala regola, jerfa' parti mir-riskju u jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja, l-interessi tal-Unjoni u tas-sieħeb tal-implimentazzjoni huma allinjati kif xieraq u b'hekk itaffu r-riskju għall-baġit tal-Unjoni. Is-sħab tal-implimentazzjoni huma wkoll istituzzjonijiet finanzjarji b'regoli u

proċeduri xierqa fis-seħħ li jiġu vvalutati permezz tal-valutazzjoni tal-pilastri f'konformità mar-Regolament Finanzjarju.

Il-Kummissjoni tirċievi dikarazzjonijiet finanzjarji awditjati annwali li jkopru l-operazzjonijiet mis-sħab tal-implimentazzjoni.

- 2.2.3. *Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon bejn il-kostijiet tal-kontroll u l-valur tal-fondi relatati ġestiti) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq)*

Din il-proposta ma timponi l-ebda kontroll (ġdid).

### **2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet**

F'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament NDICI-Ewropa Globali u tar-Regolament Finanzjarju, is-sħab tal-implimentazzjoni magħżula jridu jgħaddu mill-valutazzjoni tal-pilastri prevista fl-Artikolu 157 tar-Regolament Finanzjarju, li tiżgura kwalità solida tal-kontroll intern kif ukoll tas-sistemi tal-awditjar estern indipendenti. Barra minn hekk, iridu jissodisfaw ir-rekwiżiti tat-Titolu X tar-Regolament Finanzjarju. Peress li huma istituzzjonijiet finanzjarji, is-sħab tal-implimentazzjoni għandhom fis-seħħ oqfsa tal-kontroll intern.

### 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

#### 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Linji baġitarji eżistenti

*Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.*

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
		Numru	<a href="#">Diff./Mhux diff.<sup>19</sup></a>	<a href="#">mill-pajjiżi tal-EFTA<sup>20</sup></a>	<a href="#">minn pajjiżi kandidati u minn kandidati potenzjali<sup>21</sup></a>	Minn pajjiżi terzi oħra
6	[14.020170 NDICI-EG — Il-proviżjonament tal-fond ta' proviżjonament komuni] [15 02 02 03 IPA III — Il-proviżjonament tal-fond ta' proviżjonament komuni]	Diff.	LE	LE	LE	IVA

<sup>19</sup> Diff. = Approprijazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprijazzjonijiet mhux differenzjati.

<sup>20</sup> EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

<sup>21</sup> Pajjiżi kandidati u, meta jkun applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

### 3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-appropriazzjonijiet

#### 3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali

- Il-proposta/L-inizjattiva ma tehtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali
- Il-proposta/L-inizjattiva tehtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt

#### 3.2.1.2. Appropriazzjonijiet minn dħul assenjat intern

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

<b>Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali</b>	6
--	---

DĠ: INTPA/ENEST/MENA			Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	TOTAL TAL- QFP 2021-2027	WARA 2027	TOTAL GLOBALI
• Appropriazzjonijiet operazzjonali								
14 02 01 70	Impenji	(1a)	315,035	51,248		366,283		366,283
	Pagamenti	(2a)	315,035	51,248		366,283		366,283
• Appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi[3]								
Linja baġitarja		(3)				-		-
<b>TOTAL tal-appropriazzjonijiet għad-DĠ INTPA/ENEST/MENA</b>	Impenji	=1a+1b+3	<b>315,035</b>	<b>51,248</b>	-	<b>366,283</b>	-	<b>366,283</b>
	Pagamenti	=2a+2b+3	<b>315,035</b>	<b>51,248</b>	-	<b>366,283</b>	-	<b>366,283</b>

DĠ: ENEST			Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	TOTAL TAL- QFP 2021-2027	WARA 2027	TOTAL GLOBALI
• Appropriazzjonijiet operazzjonali								
15 02 02 03	Impenji	(1a)	90,023	14,623		104,646		104,646
	Pagamenti	(2a)	90,023	14,623		104,646		104,646

• Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi[3]								
Linja baġitarja		(3)				-		-
<b>TOTAL tal-approprjazzjonijiet għad-DĠ INTPA/ENEST/MENA</b>	Impenji	=1a+1b+3	<b>405,057</b>	<b>65,871</b>	-	<b>470,929</b>	-	<b>470,929</b>
	Pagamenti	=2a+2b+3	<b>405,058</b>	<b>65,871</b>	-	<b>470,929</b>	-	<b>470,929</b>

DĠ: INTPA/ENEST/MENA			Sena <b>2025</b>	Sena <b>2026</b>	Sena <b>2027</b>	<b>TOTAL TAL-QFP 2021-2027</b>	WARA <b>2027</b>	<b>TOTAL GLOBALI</b>
• TOTAL ta' approprjazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)	405,058	65,871	-	<b>470,929</b>	-	<b>470,929</b>
	Pagamenti	(5)	405,058	65,871	-	<b>470,929</b>	-	<b>470,929</b>
• TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi		(6)	0,000	0,000	-	-	-	-
<b>TOTAL tal-approprjazzjonijiet Taħt INTESTATURA 6</b> tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	=4+6	<b>405,058</b>	<b>65,871</b>	-	<b>470,929</b>	-	<b>470,929</b>
	Pagamenti	=5+6	<b>405,058</b>	<b>65,871</b>	-	<b>470,929</b>	-	<b>470,929</b>

DĠ: INTPA/ENEST/MENA			Sena <b>2025</b>	Sena <b>2026</b>	Sena <b>2027</b>	<b>TOTAL TAL-QFP 2021-2027</b>	WARA <b>2027</b>	<b>TOTAL GLOBALI</b>
• TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali (l-intestaturi operazzjonali kollha)	Impenji	(4)	405,058	65,871	0,000	<b>470,929</b>	0,00	<b>470,929</b>
	Pagamenti	(5)	405,058	65,871	0,000	<b>470,929</b>	0,00	<b>470,929</b>

• TOTAL tal-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi (l-intestaturi operazzjonali kollha)		(6)	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
<b>TOTAL tal-appropriazzjonijiet Taħt INTESTATURI 1 sa 6</b> tal-qafas finanzjarju pluriennali (Ammont ta' referenza)	Impenji	=4+6	405,058	65,871	0,000	470,929	0,00	470,929
	Pagamenti	=5+6	405,058	65,871	0,000	470,929	0,00	470,929

<b>Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali</b>	<b>7</b>	“Nefqa amministrattiva”
--	----------	-------------------------

miljuni ta' EUR (sa tliet pozzizzjonijiet deċimali)

DĠ: INTPA/ENEST/MENA		Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	TOTAL QFP 2021-2027
• Riżorsi umani		0,000	0,000	0,000	0,000
• Nefqa amministrattiva oħra		0,000	0,000	0,000	0,000
<b>TOTAL DĠ INTPA/ENEST/MENA</b>	Appropriazzjonijiet	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>
<b>TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali</b>		<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>
		(Total tal-impenji = Total tal-pagamenti)			

miljuni ta' EUR (sa tliet pozzizzjonijiet deċimali)

	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	TOTAL TAL-QFP 2021-2027	WARA 2027	TOTAL GLOBALI

<b>TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont l-INTESTATURI 1 sa 7</b>	Impenji	<b>405,058</b>	<b>65,871</b>	<b>0,000</b>	<b>470,929</b>	<b>0,000</b>	<b>470,929</b>
tal-qafas finanzjarju pluriennali	Pagamenti	<b>405,058</b>	<b>65,871</b>	<b>0,000</b>	<b>470,929</b>	<b>0,000</b>	<b>470,929</b>

3.2.2. Output smat ifffinanzjat mill-appropriazzjonijiet operazzjonali (din it-taqsimma ma għandhiex timtela mill-aġenziji deċentralizzati)

Appropriazzjonijiet ta' impenn f' miljuni ta' EUR (sa tliet pozzizzjonijiet deċimali)

Indika l-oġġettivi u l-outputs			Sena		Sena		Sena		TOTAL		WARA		TOTAL	
			2025		2026		2027		2021-2027		2027		GLOBALI	
↓														
OUTPUTS														
	Tip	Medja tal-kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1 L-espansjoni tal-Global Gateway														
- Investiment addizzjonali mobilizzat				270,039		43,914			0	313,953			0	313,953
Subtotal tal-oġġettiv speċifiku Nru 1			0	270,039	0	43,914	0	0,000	0	313,953	0	0,000	0	313,953
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 2 Tnaqqis tad-dipendenzi esterni eċċessivi														
- Investiment addizzjonali mobilizzat				135,019		21,957			0	156,976			0	156,976
Subtotal tal-oġġettiv speċifiku Nru 2			0	135,019	0	21,957	0	0,000	0	156,976	0	0,000	0	156,976
<b>TOTALI</b>			<b>0</b>	<b>405,058</b>	<b>0</b>	<b>65,871</b>	<b>0</b>	<b>0,000</b>	<b>0</b>	<b>470,929</b>	<b>0</b>	<b>0,000</b>	<b>0</b>	<b>470,929</b>

3.2.3. *Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet amministrattivi*

- Il-proposta/L-inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva
- Il-proposta/L-inizjattiva teħtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt

3.2.3.1. *Appropriazzjonijiet mill-baġit ivvutat*

APPROPRJAZZJONIJIET IVVUTATI	Sena	Sena	Sena	TOTAL 2021 - 2027	WARA	TOTAL GLOBALI
	2025	2026	2027		2027	
<b>INTESTATURA 7</b>						
Riżorsi umani	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
Nefqa amministrattiva oħra	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
<b>Subtotal tal-INTESTATURA 7</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>
<b>Barra mill-INTESTATURA 7</b>						
Riżorsi umani	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
<b>Subtotal barra mill-INTESTATURA 7</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>
<b>TOTAL</b>						
	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>

3.2.3.2. *Appropriazzjonijiet minn dħul assenjat estern*

DĦUL ASSENJAT ESTERN	Sena	Sena	Sena	TOTAL 2021 - 2027	WARA	TOTAL GLOBALI
	2025	2026	2027		2027	
<b>INTESTATURA 7</b>						
Riżorsi umani	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
Nefqa amministrattiva oħra	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
<b>Subtotal tal-INTESTATURA 7</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>
<b>Barra mill-INTESTATURA 7</b>						
Riżorsi umani	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
<b>Subtotal barra mill-INTESTATURA 7</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>
<b>TOTAL</b>						
	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>

### 3.2.3.3. Total tal-approprjazzjonijiet

TOTAL APPROPRJAZZJONIJIET IVVUTATI + DĦUL ASSENJAT ESTERN	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	TOTAL 2021 - 2027	WARA 2027	TOTAL GLOBALI
<b>INTESTATURA 7</b>						
Riżorsi umani	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
Nefqa amministrattiva oħra	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
<b>Subtotal tal-INTESTATURA 7</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>
<b>Barra mill-INTESTATURA 7</b>						
Riżorsi umani	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
<b>Subtotal barra mill-INTESTATURA 7</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>
<b>TOTAL</b>						
	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>

L-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu koperti mill-approprjazzjonijiet tad-DĠ diġà assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew diġà riallokati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokkazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

#### 3.2.4. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

- Il-proposta/L-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani
- Il-proposta/L-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt

##### 3.2.4.1. Iffinanzjati mill-baġit ivvutat

*L-istima għandha tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time (FTEs, full-time equivalent units)*

APPROPRJAZZJONIJIET IVVUTATI	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	WARA 2027
<b>•Pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal (uffiċjali u persunal temporanju)</b>				
20 01 02 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)	0	0	0	0
20 01 02 03 (Delegazzjonijiet tal-UE)	0	0	0	0
01 01 01 01 (Riċerka indiretta)	0	0	0	0
01 01 01 11 (Riċerka diretta)	0	0	0	0
Linji baġitarji oħra (speċifika)	0	0	0	0
<b>• Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għall-Full-Time: FTE)</b>				
20 02 01 (AC, END mill-“pakkett globali”)	0	0	0	0
20 02 03 (AC, AL, END u JPD fid-Delegazzjonijiet tal-UE)	0	0	0	0
Amministrazzjoni Linja ta' appoġġ [XX.01.YY.YY] [2]	- fil-Kwartieri Ġenerali	0	0	0
	- fid-Delegazzjonijiet tal-UE	0	0	0

01 01 01 02 (AC, END - Riċerka indiretta)	0	0	0	0
01 01 01 12 (AC, END - Riċerka diretta)	0	0	0	0
Linji baġitarji oħra (speċifika) - Intestatura 7	0	0	0	0
Linji baġitarji oħra (speċifika) - Barra mill-Intestatura 7	0	0	0	0
<b>TOTAL</b>	<b>0</b>	<b>0</b>	<b>0</b>	<b>0</b>

### 3.2.4.2. Iffinanzjati minn dħul assenjat estern

<b>DĦUL ASSENJAT ESTERN</b>	<b>Sena 2025</b>	<b>Sena 2026</b>	<b>Sena 2027</b>	<b>WARA 2027</b>
<b>•Pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal (uffiċjali u persunal temporanju)</b>				
20 01 02 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)	0	0	0	0
20 01 02 03 (Delegazzjonijiet tal-UE)	0	0	0	0
01 01 01 01 (Riċerka indiretta)	0	0	0	0
01 01 01 11 (Riċerka diretta)	0	0	0	0
Linji baġitarji oħra (speċifika)	0	0	0	0
<b>• Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għall-Full-Time: FTE)[1]</b>				
20 02 01 (AC, END mill-“pakkett globali”)	0	0	0	0
20 02 03 (AC, AL, END u JPD fid-Delegazzjonijiet tal-UE)	0	0	0	0
Amministrazzjoni Linja ta' appoġġ [XX.01.YY.YY] [2]	- fil-Kwartieri Ġenerali	0	0	0
	- fid-Delegazzjonijiet tal-UE	0	0	0
01 01 01 02 (AC, END - Riċerka indiretta)	0	0	0	0
01 01 01 12 (AC, END - Riċerka diretta)	0	0	0	0
Linji baġitarji oħra (speċifika) - Intestatura 7	0	0	0	0
Linji baġitarji oħra (speċifika) - Barra mill-Intestatura 7	0	0	0	0
<b>TOTAL</b>	<b>0</b>	<b>0</b>	<b>0</b>	<b>0</b>

### 3.2.4.3. Rekwiżiti totali ta' riżorsi umani

<b>TOTAL APPROPRJAZZJONIJIET IVVUTATI + DĦUL ASSENJAT ESTERN</b>	<b>Sena 2025</b>	<b>Sena 2026</b>	<b>Sena 2027</b>	<b>WARA 2027</b>
<b>•Pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal (uffiċjali u persunal temporanju)</b>				
20 01 02 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)	0	0	0	0
20 01 02 03 (Delegazzjonijiet tal-UE)	0	0	0	0
01 01 01 01 (Riċerka indiretta)	0	0	0	0
01 01 01 11 (Riċerka diretta)	0	0	0	0
Linji baġitarji oħra (speċifika)	0	0	0	0
<b>• Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għall-Full-Time: FTE)</b>				

20 02 01 (AC, END mill-“pakkett globali”)	0	0	0	0	
20 02 03 (AC, AL, END u JPD fid-Delegazzjonijiet tal-UE)	0	0	0	0	
Amministrazzjoni Linja ta' appoġġ [XX.01.YY.YY] [2]	- fil-Kwartieri Ġenerali	0	0	0	0
	- fid-Delegazzjonijiet tal-UE	0	0	0	0
01 01 01 02 (AC, END - Riċerka indiretta)	0	0	0	0	
01 01 01 12 (AC, END - Riċerka diretta)	0	0	0	0	
Linji baġitarji oħra (speċifika) - Intestatura 7	0	0	0	0	
Linji baġitarji oħra (speċifika) - Barra mill-Intestatura 7	0	0	0	0	
<b>TOTAL</b>	<b>0</b>	<b>0</b>	<b>0</b>	<b>0</b>	

Meta titqies is-sitwazzjoni ġenerali ta' tensjoni fl-Intestatura 7, f'termini kemm ta' personal kif ukoll ta' livell ta' approprjazzjonijiet, ir-riżorsi umani meħtieġa se jintlaħqu minn personal tad-DĠ li diġà huwa assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew ġie riallokati fi ħdan id-DĠ jew servizzi oħra tal-Kummissjoni.

### 3.2.5. Ħarsa ġenerali lejn l-impatt stmat fuq l-investimenti relatati mat-teknoloġija diġitali

TOTAL tal-appropriazzjonijiet diġitali u tal-IT		Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	TOTAL QFP 2021 - 2027
<b>INTESTATURA 7</b>					
Nefqa tal-IT (korporattiva)	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
<b>Subtotal tal-INTESTATURA 7</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>
<b>Barra mill-INTESTATURA 7</b>					
Nefqa tal-IT marbuta mal-politika fil-qafas ta' programmi operazzjonali	0,000	0,000	0,000	0,000	0,000
<b>Subtotal barra mill-INTESTATURA 7</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>
<b>TOTAL</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>	<b>0,000</b>

### 3.2.6. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali

Il-proposta/L-inizjattiva:

- tista' tiġi ffinanzjata kompletament permezz ta' riallokazzjoni fl-intestatura rilevanti tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP)

Din il-proposta se tiġi ffinanzjata permezz ta' dħul assenjat minn rimborżi ġġenerati mis-surplus tal-EFSD.

L-ebda riżorsa baġitarja addizzjonali tal-Unjoni jew riprogrammazzjoni mhi se tkun meħtieġa għal din il-proposta.

- tirrikjedi l-użu tal-marġni mhux allokat skont l-intestatura rilevanti tal-QFP u/jew l-użu tal-istrumenti speċjali kif definiti fir-Regolament QFP
- tirrikjedi reviżjoni tal-QFP

### 3.2.7. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi

Il-proposta/L-inizjattiva:

- ma tippredix kofinanzjament minn partijiet terzi
- tippredix l-kofinanzjament minn partijiet terzi kif stmat hawn taħt:

Approprijazzjonijiet f' miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	Total
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament					
TOTAL tal-approprijazzjonijiet kofinanzjati					

### 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

- Il-proposta/L-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.
- Il-proposta/L-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:
  - fuq ir-riżorsi proprji
  - fuq dħul ieħor
  - indika jekk id-dħul huwiex assenjat għal-linji tan-nefqa

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Approprijazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja kurrenti	Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva <sup>22</sup>			
		Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027
6 5 0 0 — Strument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali — Dħul assenjat			305,035	51,248	
6 5 2 0 — Assistenza ta' qabel l-adezzjoni — Dħul assenjat			90,023	14,623	

Għal dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

[14 02 01 70 NDICI — Ewropa Globali — Proviżjonament tal-fond ta' proviżjonament komuni](#)

[15 02 02 03 IPA III — Proviżjonament tal-fond ta' proviżjonament komuni](#)

Rimarki oħra (eż. il-metodu/il-formula li ntużaw biex jiġi kkalkolat l-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

Il-proposta tirrikjedi li l-Kummissjoni talloka s-surplus tal-EFSD għall-EFSD+ li bħalissa huma stmati għal EUR 471 miljun.

<sup>22</sup> Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.

## 4. DIMENSJONIJIET DIĠITALI

Ir-Regolament (UE) 2024/903 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2024 li jstipula miżuri għal livell għoli ta' interoperabbiltà tas-settur pubbliku fl-Unjoni kollha mhux applikabbli għal din il-proposta

### 4.1. Rekwiżiti ta' rilevanza diġitali

Il-proposta titqies li m'għandhiex rekwiżiti ta' rilevanza diġitali għax ma tipproduċix jew ma teżiġix serje ta' data ġdida meta mqabbla mar-Regolament NDICI-Ewropa Globali. Sal-punt li jippermetti li operazzjonijiet ġodda ta' investiment u ta' finanzjament jiġu appoġġati mill-Garanzija tal-EFSD+, l-indikaturi eżistenti kif ukoll is-sistemi tar-rappurtar u tal-monitoraġġ iridu jintużaw biex jiġu traċċati l-impatt u l-prestazzjoni.

### 4.2. Data

Mhux applikabbli (ara 4.1. hawn fuq)

### 4.3. Soluzzjonijiet diġitali

Mhux applikabbli (ara 4.1. hawn fuq)

### 4.4. Valutazzjoni tal-interoperabbiltà

Mhux applikabbli (ara 4.1. hawn fuq)

### 4.5. Miżuri li jappoġġaw l-implimentazzjoni diġitali

Mhux applikabbli (ara 4.1. hawn fuq)